MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 138/1989/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 5 ta’ Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 138/1989G1(PC)**

.
Francis Schembri :
Anthony Saliba ; u
Vincent Saliba .

vs

Saviour u Francis ahwa Cini;

Carmela armla ta’ Toni Cini bhala legittima rapprezentanti ta’ bintha minuri, Beatrice xebba Cini, illi b’nota tat-18 ta’ Marzu, 1993, Beatrice xebba Cini assumi et l-atti ta’ din ic-citazzjoni f’isimha proprju .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi Saliba huma komproprjetarji u fil-pussess ta’ porzjon art mit-territorju maghruf bhala “Tax-Xwejni” fi Xwejni Road, Marsalforn, limiti Zebbug, Ghawdex dwar liema art jezisti ftehim ta’ zvilupp u kostruzzjoni mal-attur l-iehor Francis Schembri ;

Illi parti minn din l-art, bil-kejl superficjali ta’ madwar mija u tlieta u sittin metri kwadri (163 mk) li tmiss mit-tramuntana ma’ Xwejni Road, minn nofs inhar mal-bqija tal-art tal-atturi u punent ma’ beni ta’ Francis Axiaq, hija oggett ta’ kontestazzjoni bejn il-partijiet, billi hija mertu ta’ diversi kawzi – kollha istitwiti mill-intimati Saviour u Francis ahwa Cini ; Carmela armla ta’ Toni Cini bhala legittima rapprezentanti ta’ bintha minuri, Beatrice xebba Cini; inkluzi kawza ta’ spoll fl-ismijiet “Saviour Cini et -vs- Vincent saliba”, (cit. Nru. 22/1988) fejn qed jigi allegat illi l-atturi spoljaw lill-konvneuti fil-pussess tal-art imsemmija, u ohra rivendikatorja fl-ismijiet “Saviour Cini et –vs- Vincent Saliba et” (citaz. Nru. 27/1988) fejn l-atturi f’dik il-kawza, talbu r-rivendika tal-istess proprjeta’;

Illi inoltre, dwar l-istess art gew spediti zewg Mandati ta’ Inibizzjoni; wiehed bin-numru 232/1987 fl-ismijiet “Saviour Cini et vs- Vincent Saliba et”, u l-iehor bin-numru 96/1988 fl-ismijiet “Saviour Cini et –vs- Francis Schembri et”, li permezz taghhom l-atturi Saliba gew inibiti milli jaghmlu kwalsiasi xoghlijiet fuq din l-art ;

Illi fil-jiem tal-Gimgha jew is-Sibt, is-sbatax u tmintax ta’ Novembru tal-elf disa’ mija u disgha u tmenin (17-18.XI.1989), l-intimati Cini, permezz tal-kuntrattur Karmnu

Spiteri jew impjegati tieghu, bdew xoghlijiet ta’ tahmil u skavazzjoni tal-art imsemmija ;

Illi dan kollu huwa bi pregudizzju ghall-jeddijiet tal-atturi ;

Illi l-atturi ottjenew l-ispedizzjoni ta’ mandat ta’ Inibizzjoni sabiex bih il-konvenuti gew mizmuma milli jaghmlu kwalsiasi xoghlijiet fuq dik l-art; ikunu ta’ liema natura jkunu .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Tinbixxi lill-konvenuti milli personalment jew permezz ta’ terzi, jispoljawhom f’dan il-pussessa billi jidhlu, jokkupaw jew jaghmlu xi xoghlijiet fuq din l-art ;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni spedit fl-ismijiet premessi .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni debitament imharrka .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament mahlufa minn Francis Schembri u Anthony Saliba .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :

1. Preliminarjament in-nullita’ tac-citazzjoni in vista tal-fatt illi ma tirrispettax it-termini perkorsi fl-artikolu 843 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).
2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nuqqas ta’ interess guridiku ta’ Francis Schembri .
3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti jecepixxu l-“lis alibi pendens” .
4. Finalment u fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tigi michuda bl-ispejjez .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa minn Carmela Cini .

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti pprezentata fil-5 ta' Lulju 1990 li biha eccepew :

1. Illi dejjem preliminarjament, il-Mandat innifsu oggett ta' dina l-kawza cioe' dak numru 250/89 fl-istess ismijiet huwa rritu u null stante li huwa difettuz fil-forma . L-istess Mandat, li jikkostitwixxi ordni lill-Marixxal biex jinibixxi minn certi xoghlijiet, ma fihx fil-kort tieghuil-konnotati tal-intimandi u tar-rikorrenti fil-parti dispositiva . (ara kopja annessa) .

2. Illi inoltre dan il-Mandat huwa nullu u rritu wkoll ghax ma jistax jigi mitlub u/jew mahrug "provvizorjament", kif jidher li intalab u intlaqa . X'jigifieri "provvizorjament" ?

3. Illi dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri, jekk jigu ezaminati – kif il-Qorti hi mitluba taghmel – flimkien mal-ewwel eccezzjoni tan-nota ta' Eccezzjonijiet originali, jinstab li mhux bisss il-mandat innifsu huwa rritwali, irritu u null, izda wkoll l-att tac-citazzjoni, u dan billi ic-citazzjoni ma titlobx li jigu dikjarati proprjetarji jew possessuri legittimi tal-art in mertu izda titlob li l-Qorti TINIBIXXI l-konvenuti milli jaghmlu xoghlijiet jew jispoljaw lill-atturi fil-pussess taghhom ! Din mhux talba a tenur ta' dak provdut fl-art 843(1) Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jrid li "il-kawza (issir) ghall-jedd imsemmi fil-Mandat" .

4. Illi sija jekk dina l-Qorti ssib nullita fil-<u>Mandat</u> innifsu, u sija jekk issib nullita fil-Att tac-<u>Citazzjoni,</u> ghar-ragunijiet esposti mill-eccipjenti (u li jigu ahjar trattati fil-kawza), allura l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju : fl-<u>ewwel</u> kaz ghaliex tis-icca l-bazi guridika tal-azzoni bl-inezistenza tal-Mandat; u fit-<u>tieni</u> kaz ghax, jekk taqa' c-Citazzjoni jigi in vigore l-effett tal-Art, 843(2) Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Mitluba ghalhekk il-"liberatio ab observantia" .

5. Illi oltre dan, qed jigi eccepit fil-meritu illi madwar gimgha minn meta l-konvenuti bdew ix-xoghlijiet (f'Dicembru tal-1987), l-attur Vincent Saliba kien qal lill-Avukat Michael Grech – li dakinhar kien avukat tal-konvenuti izda fuq hwejjeg ohra, cioe' tal-wirt – li Vincent Saliba qallu li l-Blata (l-art oggett tal-kawza odjerna) hija tal-Gvern, u dan jindika car kemm l-atturi ma jafux fi zgur fejn hi l-art taghhom . Fil-fatt meta sar id-diskors mal-Avukat Grech fuq imsemmi (dwar il-blata, oggett ta' dina l-kawza) l-atturi kienu bil-konvenju ma' Ta' Frenc Real Estate dwar is-sehem tal-istess atturi li jigi fuq it-triq u li difatti wara kien sar l-Att Notarili ma' Ta' Frenc. B'hekk jirrizulta li l-art li l-atturi kellhom ghal fuq Xwejni Road giet effettivament mibjugha QABEL ma sar dan il_Mandat u din il-kawza : L-art rimanenti li taghti fuq Xwejni Road u li dwarha qed jippretendu li jinibixxu lill-ecceipjenti hija proprjeta' esklussiva tal-konvenuti u ta' Francesco Axiak, u dan jidher mill-Att Notarili tal-5 ta' Marzu 1984 (attI Michael Refalo) u li kopja tieghu qed tigi hawn annessa . (Dok. Bb) .

6. Ghaldaqstant, bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra qed jitolbu c-cahda tat-talbiet attrici anke jekk il-Qorti tirritjeni li l-meritu hu espost ritwalment.

Bl-ispejjez kontra l-atturi u Salvi eccezzjonijiet ohra .

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' April 1991 fejn l-avukat Dottor Carmelo Galea, bl-assistenza teknika ta' l-A.I.C. Albert Cauchi gew nominati bhala esperti gudizzjarji sabiex jiehdu konjizzjoni tat-talbiet attrici fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess periti pprezentata fl-20 ta' Jannar 2000 u mahlufa mill-perit legali fis-17 ta' Frar 2000 u mill-perit tekniku fit-2 ta' Marzu 2000 .

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Novembru 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti, fosthom l-atti kollha tal-kawza citaz. Nru. 22/1988 fl-ismijiet : "Saviour

Cini et. v. Vincent Saliba" u tal-kawza l-ohra : citaz. nru. 27/1988 fl-istess ismijiet, it-tnejn konnessi mal-kawza prezenti .

Ikkunsidrat :

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jaghmlu talba unika u cioe' illi din il-Qorti tinibixxi lill-konvenuti milli personalment jew permezz ta' terzi, jispoljawhom fil-pussess illi huma jallegaw li jgawdu fuq l-art deskritta fic-citazjoni billi jidhlu, jokkupaw jew jaghmlu xi xoghlijiet fuq l-istess art .

Imma bl-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom il-konvenuti jeccepixxu n-nullita' ta' din ic-citazzjoni in vista tal-fatt li ma tirrispettax it-termini previsti bl-artikolu 843 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) .

Huwa doveruz ghalhekk illi tigi ttrattata qabel xejn din l-eccezzjoni . A tenur ta' dan l-artikolu r-rikorrent f'mandat ta' inibizzjoni li jkun gie milqugh mill-Qorti, ghandu terminu perentorju sabiex "**jaghmel il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat" .** Gie spjegat f'dan ir-rigward illi *: "La provvisorieta' del provvedimento cautelare, altresi, che questo diviene ineffficace nel caso di mancato o ritardato inizio del giudizio di merito o di estinzione dello stesso o, ancore, di declaratoria di inesistenza del diritto a cautela del quale e' stato concesso . Il collegamento tra procedimento cautelare e giudizio di merito trova la sua ragion d'essere nella sommarieta' del primo, che, nel caso di accoglimento dell'istanza, si conclude con un provvedimento destinato ad essere assorbito dalla successiva pronuncia di merito*."[1]

F'kawza fejn qamet kwistjoni identika ghal dik in ezami, il-Qorti tal-Appell kienet fissret dak li jitlob dan l-artikolu bil-mod segwenti :

---

[1] Diritto Preocessuale Civile - Serie Manuali Giuridici XI. ed. 2000 Gabriella Gianturco .

"….. ic-citazzjoni ta' l-attrici ma tissodisfax il-vot ta' dan l-artikolu (843 Kap. 12) ghaliex l-attrici m'ghamlitx il-kawza biex tirrealizza d-drittijiet taghha tas-sehem taghha mill-komunjoni ta' l-akkwisti - imma semplicement talbet il-konferma li hija ghandha 'id-dritt u interess li tikkawtela d-drittijet taghhha', mentri l-attrici kellha titlob jew ix-xoljiment tal-komunjoni jew il-likwidazzjoni ta' l-assi socjali …

L-attrici pprocediet b'mandat u inibiet lill-konvenut zewgha milli b'xi mod jiddisponi mill-azzjonijiet … Dan huwa mandat kawtelatorju . Kull mandat kawtelatorju, min-natura tieghu stess, ghandu validita' u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu l-opportunita' li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f'titolu ezekuttiv - li (ukoll ismu mieghu) jippermettilu jesegwixxi l-kreditu li b'hekk ma jkollux bzonn aktar ta' kawtela … **Il-ligi ma tikkontemplax il-possibilita' ta' mandat kawtelatorju permanenti** - kif timplika l-pretensjoni ta' l-attrici .

L-attrici tippretendi li 'l-jedd imsemmi fil-mandat' huwa d-dritt li tikkawtela l-interessi taghha fil-komunjoni ta' l-akkwisti, imma dan huwa evidentement skorrett . Kull min jippretendi li huwa kreditur ghandu d-dritt jitlob li jikkawtela l-kreditu permezz ta' diversi mandati, imsejha proprju kawtelatorji, li jipprovdi l-KOPC **. Imma d-dritt ta' kawtela - cjoe' dritt procedurali - mhuwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat** . Dawn huma zewg drittijiet distinti, u ma jistghux jigu ri*dotti u konfuzi fi dritt wiehed, kif qed tghid l-attrici . Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat mhuwiex id-dritt li taghmel il-mandat, imma huwa* ***d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog mandat*** *…*

*Il-Qorti thoss li l-attrici fl-impostazzjoni kollha taghha qed tikkonfondi l-kuncett ta'* ***kawtela*** *ma' dik ta'* ***garanzija*** *ta' drittijiet."* [2]

---

[2] Appell : Carmela sive Lina Aquilina vs Francis X. Aquilina et. citaz. nru. 661/86

deciza: 27.11.1991 .

Din is-sentenza giet citata *in estenso* ghaliex il-Qorti thoss illi tigbor fiha tifsira preciza ta' dak li ried il-legislatur meta impona l-kundizzjoni li ssir il-kawza ghall-jedd imsemmi fil-mandat fl-artikolu hawn indikat .

Din il-Qorti ghalhekk taqbel ma' dak li kkonkluda l-perit legali fir-relazzjoni tieghu . Skond is-sistema guridika ta' pajjizna mhuwiex moghti d-dritt lil ebda persuna illi tintavola citazzjoni fejn titlob biss li l-konvenut jigi inibit milli jaghmel xi haga, minghajr ma jgib 'l quddiem il-pretensjoni jew dritt tieghu sabiex izomm lill-konvenut milli jaghmel dak l-att . Altrimenti tkun qed tinghata l-opportunita' li jigi perpetwat mandat ta' inibizzjoni minghajr ma qatt issir il-kawza in sostenn tad-dritt pretiz, u dan kontra dak li espressament trid il-ligi permezz ta' l-artikolu 843 imsemmi . Taqbel ukoll ma' dak li qal l-istess perit legali fis-sens illi, minkejja illi fic-citazzjoni taghhom l-atturi jaghmlu referenza ghaz-zewg kawzi l-ohra li kien hemm pendenti bejn il-kontendenti, fl-ebda wahda minn dawn il-kawzi, huma ma ressqu xi kontro-talba in sostenn tal-pretensjonijiet taghhom .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tilqa' din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, tiddikjara c-citazzjoni nulla ghax jonqsu r-rekwiziti stipulati fl-artikolu 843 tal-Kap. 12, u konsegwentement tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju .

Bl-ispejjez kontra l-atturi .
S13889Pc

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------